**14 ta' Settembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony J. Bartolo *noe*

*versus*

Dominic Saywell

## Kuntratt ta' Impjieg – Terminazzjoni – Kawża Ġusta – Penali

*Hija valida kondizzjoni f'kuntratt ta' xogħol li l-impjegat jeħel penali jekk jittermina l-impjieg qabel iż-żmien miftiehem.*

*Il-Qorti għandha s-setgħa li tnaqqas jew ittaffi l-penali jekk id-debitur ikun esegwixxa biċċa mill-obbligazzjoni, u, jew il-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita, jew il-biċċa esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress li fl-24 ta' Settembru 1980 l-attur *nomine* offra li jibgħat lill-konvenut li kien impjegat miegħu, u fil-25 ta' Settembru 1980 il-konvenut aċċetta, li jmur fuq kors speċjalizzat l-Italja u ntrabat li jibqa' jaħdem mal-kumpanija attriċi għal żmien ħames snin;

Peress illi l-konvenut aċċetta li jekk għal xi raġuni jiddeċiedi li jitlaq minn mal-kumpanija attriċi jħallas multa ekwivalenti għal sitt xhur salarju kkalkolata fuq is-salarju ta' dak iż-żmien meta tiġi miksura l-kondizzjoni (apparti kwalunkwe azzjoni għad-danni spettanti lill-kumpanija attriċi);

U peress li fid-19 ta' April 1982 il-konvenut għażel li jitlaq mill-impjieg tiegħu mingħajr raġuni;

Peress illi mitlub biex iħalllas bħala penali s-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (lm1,200) rappreżentanti sitt xhur salarju kif fuq ingħad il-konvenut naqas;

Talab li (a) jiġi ddikjarat u deċiż minn din il-Qorti li l-konvenut ittermina l-impjieg minn ma' l-attur *nomine* mingħajr raġuni valida skond l-istess ftehim tal-25 ta' Settembru 1980; (b) il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (Lm1,200) bħala penali skond il-ftehim tal-25 ta' Settembru 1980;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur *nomine* u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi, fl-ewwel lok, il-kuntratt ta' xogħol ta' l-24 ta' Settembru 1980, m'huwiex wieħed validu fil-liġi, peress illi ma fihx il-kondizzjonijiet tax-xogħol kif jitlob l-Att XI ta' l-1952 u għaldaqstant il-kuntratt ta' xogħol bejn il-kontendenti huwa wieħed għal żmien indefinit. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti kellu raġuni ġusta u valida fil-liġi li jittermina l-impjieg tiegħu u dan peress li għalkemm il-grad tiegħu kien ta' *professional engineer* hu ma kienx qed jagħmel dan ix-xogħol;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju 1985, li biha laqgħet it-talbiet attriċi u dana limitatament fis-somma ta' Lm720 u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur *nomine* dak l-ammont b'dan li l-ispejjeż (talba unika) ikunu a kariku esklussivament tal-konvenut u dan wara li kkunsidrat:

"Ikkunsidrat illi f'din il-kawża l-attur *nomine* qiegħed jinsisti għall-ħlas ta' penali mingħand il-konvenut minħabba ksur ta' ftehim iffirmat bejniethom. Il-fatti tal-każ kienu hekk: il-konvenut kien iffirma kuntratt ta' xogħol mas-soċjetà attriċi fit-18 ta' Lulju 1979 għal żmien indefinit u beda jaħdem magħha minn dakinhar. Fl-24 ta' Settembru 1980, l-attur *nomine* offra li jibgħat lill-konvenut fuq kors speċjalizzat fl-Italja u sar ftehim in iskritt skond il-kuntratt esibit mill-attur *nomine*. Il-konvenut iffirma dan il-ftehim u mar għall-kors. Wara li ġie lura għamel sentejn jaħdem mas-soċjetà attriċi mbagħad telaq minn jeddu. Il-ftehim kien *inter alia* jistipula hekk, u ċjoè li l-konvenut, fi tmiem tal-kors, jintrabat li jibqa' jaħdem mas-soċjetà għal perijodu ta' ħames snin (5) u jkompli hekk: *"if you break this condition, you will be liable to a fine which is equivalent to six (6) months' salary.....*" kif diġà ntqal il-konvenut ma damx aktar minn sentejn jaħdem mas-soċjetà attriċi. Jidher li sab impjieg ieħor. Il-konvenut xehed li huwa telaq għaliex wara li ġie lura Malta mill-kors li għamel barra fuq l-enerġija solari ma kien ingħata ebda xogħol f'din il-linja. Fuq mistoqisja tal-Qorti, il-konvenut wieġeb li hu qatt ma qal lis-soċjetà dwar il-fatt li huwa ma kien ingħata ebda xogħol f'din il-linja. Jirriżulta wkoll li bħala effett is-soċjetà ma kellhiex jew ftit li xejn kienet għadha żvilkuppat ruħha f'din il-qasam tas-*solar energy;*

"Il-penali mitlub huwa ekwivalenti għal sitt (6) xhur salarju, jiġifieri Lm1,200.00,0. Il-konvenut issottometta li tali penali jmorru kontra l-art. 24(a) tal-*Conditions of Employment Act* għax ġiet iffissata kondizzjoni ta' penali dwar xogħol meta d-Direttur tax-Xogħol ma kienx ġie debitament avżat biha. Issa, apparti l-fatt li ebda prova ma nġabet dwar is-sottomissjoni mill-konvenut – *ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat* – il-kuntratt ta' xogħol oriġinali baqa' kif kien. Ir-rabta ta' ħames (5) snin ġiet impost bħala *minimum* fuq il-konvenut iżda l-impjieg tiegħu xorta waħda baqa' għal żmien indefinit *una volta* li huwa żamm mal-ftehim addizzjonali li ffirma sussegwentement mas-soċjetà attriċi. Il-konvenut issa donnu ppretenda li t-tieni ftehim huwa null, qiesu qatt ma eżista. Sakemm dan il-ftehim ma ġiex impunjat għandu jitqies bħala wieħed validu. Għandu jiġi wkoll irrilevat li f'ebda parti tiegħu ma' dan il-ftehim isemmi li, mar-ritorn tiegħu, il-konvenut ser jingħata xogħol fuq l-enerġija solari, għalkemm seta' kien b'dan il-ħsieb li huwa ntbagħat. F'kull każ, is-soċejtà attriċi kienet għadha mhux taħdem f'dan il-qasam. Għalhekk jidher li l-konvenut għandu jitqies li huwa tassew kiser il-ftehim minnu assunt mingħajr raġuni valida u għandu jwieġeb għad-danni. In linja aħħarija l-konvenut issottometta li f'kull każ hemm lok għal riduzzjoni ta' din il-penali. Il-materja hija rregolata mill-artikolu 1165 tal-Kodiċi Ċivili (illum Kap. 16, art. 1122) fejn il-Qorti – taħt ċerti kundizzjonijiet u eċċessjonijiet tista' tirriduċi ċerti penali. Hekk, il-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief jekk id-debitur ikun esegwixxa biċċa mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; kif ukoll jekk id-debitur ikun esegwixxa biċċa mill-obbligazzjoni, u l-biċċa hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Issa rajna li l-konvenut effettivament għamel sentejn jaħdem mas-soċjetà attriċi wara l-kors u minn imkien ma rriżulta

li bit-tluq tiegħu s-soċjetà tilfet xi servizzi li kienu immedjatament meħtieġa. Issa l-liġi tistipula taħt il-paragrafu 2 tal-preċitat artikolu li meta l-penali għandha tiġi mnaqqas, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-biċċa ta' l-obbligazzjoni li tkun baqgħet mhux esegwita. Il-Qorti hija tal-fehma li, għalkemm il-konvenut għandu jħallas penali, din għandha tittaffa billi jiġi mġiegħel iħallas tliet kwinti (3/5) minn dak stipulat u dan billi huwa ħadem għal sentejn wara li temm il-kors u għalhekk ifisser li għandu jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' seba' mija u għoxrin lira Maltija (Lm720) minflok Lm1,200'';

''Dwar id-diċitura ta' l-ewwel talba attriċi l-Qorti tħoss li din proprjament mhix feliċi għal kollox għaliex proprjament il-penali qegħdin jitħallsu għall-fatt li l-konvenut bit-tluq tiegħu mill-*impjieg ġie li kiser* il-ftehim tal-25 ta' Ġunju 1980 u ssuġġetta ruħu għal penali. Għalhekk iż-żewġ domandi attriċi għandhom jitqiesu bħala talba unika għall-fini ta' taxxa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Dominic Saywell li biha interpona l-appell tiegħu mis-sentenza msemmija, u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur *nomine* li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-attur *nomine* għall-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li biha filwaqt li ddikjara li kien qed jipprevalixxa ruħu mill-appell tal-konvenut biex jinterponi appell inċidentali talab li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu *sabet li l-konvenut kiser il-ftehim* tal-21 ta' Settembru 1980, u kkundannatu jħallas lill-attur is-

somma ta' Lm720 u *l-ispejjeż kollha tal-kawża*, tirriforma l-istess sentenza billi tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma totali ta' Lm1200 in linea ta' danni ġà miftehma lill-attur *nomine* bil-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Rat ir-replika ta' l-appellant Dominic Saywell għall-appell inċidentali ta' l-attur li biha ssottometta li l-istess appell inċidentali għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji tal-konvenut appellant jistgħu jiġu kompendjati kif ġej, u ċjoè:

1) l-iskrittura ta' Settembru 1980 ma tistax titqies bħala kuntratt ta' l-impieg għaliex din ma tissodisfax id-disposizzjonijiet ta' l-Att XI ta' l-1952: dana fis-sens li billi ma tikkontjenix l-informazzjoni rikjesta mill-artikolu 24(1) ta' l-Att imsemmi ma jistax jingħad li din l-iskrittura hija kuntratt ta' l-impjieg kif qed jikkontendi l-attur *nomine*. Isegwi għalhekk li billi l-istess skrittura hija nulla ma jistax jingħad li l-konvenut kiser xi kuntratt ta' l-impjieg. Skond il-konvenut il-kuntratt tiegħu huwa dak oriġinali u ċjoè dak li ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1979 għal żmien indefinit u għal din ir-raġuni m'hi dovuta l-ebda penali;

2) Mingħajr preġudizzju għall-aggravju preċedenti l-konvenut issottometta wkoll li anke jekk għal grazzja ta' l-argument jiġi ammess li l-iskrittura ta' Settembru 1980, hi waħda

valida xorta waħda l-penali tmur kontra *d-disposizzjonijiet* ta' l-artikolu 20 ta' l-imsemmi Att billi ma jirriżulta minn imkien li l-attur ottjena l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xogħol biex *jimponi* l-istess penali;

3) Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju l-konvenut *issottometta* wkoll li fi kwalunkwe każ li l-penali *tiġi ridotta* biex tkopri sempliċement l-ispejjeż li s-soċjetà *attriċi* kienet ħarġet biex tibgħat lill-konvenut fuq il-kors in kwisjtoni. Bħala bażi għal dan l-aggravju l-konvenut qed isostni li hu qatt ma seta' jesegwixxi l-obbligazzjoni għas-sempliċi raġuni li l-kumpanija qatt ma espandiet għall-kamp tas-*Solar Energy;*

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel żball tal-konvenut appellant hu li qed jipprova jinfiċja l-iskrittura jew aħjar il-ftehim ta' Settembru 1980 bħala kuntratt ta' impjieg. Dana għaliex hu evidenti fl-ewwel lok li dan il-ftehim ma sarx minflok il-kuntratt ta' l-impjieg ta' Lulju, 1979 u t-tieni għaliex bħala *tali ma* jista' qatt jikkwalifika bħala kuntratt ta' impjieg. Infatti jiġi immedjatament osservat li filwaqt li l-konvenut intrabat u obbliga ruħu li jagħti *s-servizzi tiegħu* għal alemnu ħames snin in konsiderazzjoni tal-fatt li l-kumpanija kienet ser tibgħatu jistudja barra minn Malta, min-naħa tagħha l-kumpanija *ma* assumiet ebda obbligu li tħaddmu taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk oriġinali jew li tassikuralu l-impjieg tiegħu għal ħames *snin*. *Il-ftehim* ta' Settembru 1980 għalhekk mhux wieħed ta' kuntratt ta' impjieg imma ftehim *ad hoc* bejn il-partijiet li bih l-*employee* in konsiderazzjoni *tal-fatt* li l-*employer* tiegħu kien ser jibgħatu kors barra minn Malta huwa aċċetta u obbliga ruħu li flok li jista' jitlaq mill-impjieg tiegħu meta jrid u jogħġbu, jassikura li jagħti s-servizzi tiegħu

lill-*employer* għal ħames snin. L-artikolu 24 ta' l-Att imsemmi għalhekk hu *toto coelo* rrilevanti għal dan il-ftehim u dan peress li l-impjieg tal-konvenut kien irregolat bil-kuntratt oriġinali salv li bil-ftehim ta' Settembru 1980 unilateralment intrabat li almenu jagħti s-servizz tiegħu għal ħames snin mit-28 ta' Ottubru 1980;

Anqas hu rilevanti l-artikolu 20 ta' l-Att imsemmi għaliex *filwaqt li dan l-artikolu jirregola* l-*penalitajiet* imposti bħala riżultat ta' azzjoni dixxiplinarja li l-*employer* jista' jieħu fil-kors ta' l-impjieg kontra l-impjegat hawn għandna penali kompletament differenti li toħroġ *ex contractu* u proprju minħabba li l-*employee* ttermina l-impjieg tiegħu qabel iż-żmien aċċettat minnu fiċ-ċirkostanzi li ssemmew. Din it-tip ta' penali nfatti toħroġ minn ftehim *ad hoc* u *sui generis* li l-Att imsemmi bl-ebda mod ma jirrigwardah għall-fini ta' din il-kawża;

In kwantu jirrigwarda l-kwantum tal-penali din il-Qorti hi tal-fehma li l-aggravju relattiv tal-konvenut appellant hu kompletament infondat. F'dan ir-rigward jiġi senjalat fl-ewwel lok li kif sewwa ssottometta l-attur *nomine* l-kumpanija ma kinitx marbuta mal-konvenut li kellha tħaddmu fuq sistemi ta' *solar energy:* u għalhekk ma jistax jingħad li kien impossibbli għalih li jesegwixxi l-obbligazzjoni li kien assuma;

Fit-tieni lok jidher mix-xhieda prodotti li effettivament veru li s-soċjetà attriċi kuntrarjament għal dak li sostna l-konvenut kienet qed timbarka ftit ftit fuq proġetti li jinvolvu l-użu ta' l-enerġija solari u li fil-perijodu tal-ħames snin rilevanti esegwiet xi xogħol ta' dan it-tip. Dan ikompli jindika kemm hi skorretta t-teżi tal-konvenut appellant li kien fl-impossibilità li jesegwixxi l-obbligazzjoni li kien assuma;

L-appell prinċipali għalhekk ser jiġi respint;

*Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-attur nomine;*

L-aggravju relattiv ta' l-attur *nomine* hu fis-sens li fil-każ in eżami l-konvenut bl-ebda mod ma jista' jingħad li ssodisfa parti mill-obbligu kontrattwali. Infatti l-kumpanija kellha f'rasha li maż-żmien wara l-perijodu inizjali ta' *marketing* tespandi fin-negozju ta' *solar energy* fejn allura kien ikollha bżonn is-servizzi tal-konvenut. Dak li però l-attur evidentement qed jinsa hu li jekk kellu f'rasu u kien jaf li x-xogħol proprju ta' *solar energy* kien ser jieħu s-snin biex jiġi implimentat seta' bagħat lill-konvenut għal kors aktar tard u ċjoè fi żmien aktar viċin għall-perijodu fejn kien ser ikun hemm bżonn is-servizzi tiegħu f'dak *il-qasam*. Fil-każ in diżamina jekk fil-perijodu li dam jaħdem il-kovnenut ma kinux rikjesti s-servizzi tiegħu fil-qasam ta' *solar energy* dan ma kienx dovut għajr għall-fatt li f'dak il-perijodu l-kumpanija attriċi ma kinitx għadha waslet fl-istadju relattiv u għal dan ma jistax jaħti l-konvenut. Konsegwentement, anke għaliex kif ingħad skond l-iskrittura ta' Settembru 1980 ma kien hemm stipulat xejn dwar x'tip ta' xogħol kellu jesegwixxi l-konvenut imma biss li jrid jagħti servizz ta' almenu ħames snin, *una volta* għamel perijodu ta' żmien f'dak is-servizz il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li kellu jkun hemm tnaqqis mill-penali mitluba hija korretta. Dak li żbaljat fil-konklużjonijiet ta' l-ewwel Qorti hu l-konsiderazzjoni tagħha li l-konvenut ħadem għal sentejn wara l-kors. Infatti ma ħadimx sentejn iżda mit-28 ta' Ottubru 1980 sas-17 ta' Mejju 1982, li jġibu ftit inqas minn sena u seba' xhur. Dan iġib li l-penali ma kellhiex titnaqqas b'Lm480 imma b'Lm372 li jirriżulta f'bilanċ dovut lill-attur *nomine* ta' Lm828 u mhux ta' Lm720;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell prinċipali u minn dak inċidentali kif ġej u ċjoè billi tiċħad dak prinċipali tal-konvenut bl-ispejjeż relattivi kollha a kariku tiegħu u tilqa' in parti l-appell inċidentali ta' l-attur *nomine* billi tirriforma s-sentenza appellata billi tawmenta l-*quantum* tal-penali dovuta lilu għas-somma ta' Lm828 u konsegwentement tikkundanna 'l-konvenut iħallas dik is-somma flok dik likwidata mill-ewwel Qorti u tiċħad il-kumplament ta' l-appell inċidentali nkwantu intalbet il-kumplament tal-penali pretiża fiċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż ta' l-appell inċidentali jiġu sopportati kwantu għal tliet kwarti mill-istess attur *nomine* u kwantu għal kwart mill-konvenut. L-ispejjeż ta' prim'istanza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti.